MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2013

Numru. 1148/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR CARLOS CORDINA**

**VS**

**CARMEL K/A CHARLES SCHEMBRI**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imsemmi Carmel Charles Schembri ta’ 44 sena, bin Joseph u Maria xebba Grima, residenti 3 November Rain, Vjal il-Blue Grotto, Zurrieq, mwieled iz-Zurrieq fit-12 ta’ April 1966 detentur tal-Karta tal-Identita` numru 294466M.

**Talli nhar it-3 ta' Novembru 2010 gewwa l-Ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq ghal habta tal-16:00hrs,**

Volontarjament ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' PC 589 E Grima u dan kif iccertifika minn Dr S Falzon MD, Nru ta' Reg 3223 tac-Centru tas-Sahha ta' Rahal il-Gdid u dan ai terminu tal-artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Attakka jew ghamel resisitenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita kompetenti u cioe fuq il-persuna ta' PC589 E Grima ai termini tal-artikoli 92 u 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku li jkun qed jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew jbezza fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe fuq il-persua tal-istess ufficjal tal-Pulizija imsemmi fl-akkuzi hawn fuq u dan ai terminu tal-artikolu 92 u 95 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi hebb ghall-istess ufficjal pubbliku imsemmi sabiex tingurja jew taghmel xi hsara lill-istess ufficjal pubbliku dan ai terminu tal-artikolu 339 (d) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdejtx l-ordnijiet legittimi moghtija lilek hekk mill-Pulizija jew ma hallejtx jew fixkilu waqt li kien qed jaghmel dmirijietu, jew b'xi mod bla jedd indhalt fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-membru tal-korp tal-Pulizija jaghmel dak li b'ligi kien ordnat li jaghmel u billi hassar jew gab fix-xejn dak il-membru tal-Korp tal-Pulizija bhala awtorita' kien ghamel u dan ai termini tal-artikolu 338 (ee) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Mlata.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ksirt il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat

u glied u dan ai termini tal-artikolu 338 (dd) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghidt kliem mhux xieraq li jikkonsisti f’dagha u dan ai termini tal-artikolu 34 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi irrifjuta li jaghti lil ufficjal pubbliku cioe lil Pulizija lil PC 589 E Grima li kien inkarigat minn dan is-servizz skont il-ligi waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu - ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikularijiet ohra u dan ai terminu tal-artikolu 338 (g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li semghet il-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li rat l-Artikolu 92, 95, 96, 221, 339 (d), 338 (dd), 338 (ee), 342, 338 (g) u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn ai termini tal-art 22 tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------